



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

13 ta' Lulju 2017\*

“Rinviju għal deċizzjoni preliminari – Ambjent – Artikoli 191 u 193 TFUE – Direttiva 2004/35/KE – Applikabbiltà *ratione materiae* – Tniġġis tal-arja minħabba inċinerazzjoni illegali ta' skart – Prinċipju ta' min iniġġes iħallas – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi responsabbiltà *in solidum* tal-proprjetarju tal-art li fuqha seħħ it-tniġġis u ta' min iniġġes

Fil-Kawża C-129/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċizzjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Szolnoki Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u industrijali ta' Szolnok, l-Ungerija), permezz ta' deċizzjoni tat-18 ta' Frar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Marzu 2016, fil-proċedura

**Túrkevei Tejtermelő Kft.**

vs

**Országos Környezetvédelmi és Természetvédelmi Főfelügyelőség**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Prechal, A. Rosas, C. Toader (Relatur) u E Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Országos Környezetvédelmi és Természetvédelmi Főfelügyelőség, minn Z. Szurovecz u L. Búsi, bħala aġenti,
- għall-Gvern Ungeriż, minn M.Z. Fehér u G. Koós kif ukoll minn A.M Pálffy, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. White u A. Tokár, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Frar 2017,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawż: l-Ungeriż.

## Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 191 u 193 TFUE kif ukoll tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 357).
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Túrkevei Tejtermelő Kft. (iktar 'il quddiem "TTK") u l-Országos Környezetvédelmi és Természetvédelmi Főfelügyelőség (spettorat ġenerali nazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent u n-natura, l-Ungerija, iktar 'il-quddiem l-"ispettorat") dwar multa imposta fuq TTK wara inċinerazzjoni illegali ta' skart li seħħet fuq art proprjeta tagħha u li wasslet għal tniġġis tal-arja.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

- 3 Id-Direttiva 2004/35 ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 175(1) KE, li sar l-Artikolu 192(1) TFUE, u li jipprevedi l-proċeduri għall-adozzjoni mill-Unjoni Ewropea ta' leġislazzjonijiet sabiex jitwettqu l-għanijiet fil-qasam tal-ambjent imsemmija fl-Artikolu 191(1) TFUE.
- 4 Il-premessi 1, 2, 4, 13, 18, 20 u 24 tad-Direttiva 2004/35 huma fformulati kif ġej:

“(1) Bħalissa fil-Komunità hemm ħafna żoni kkontaminati, li jwasslu għal riskji konsiderevoli għas-saħħa, u t-tnaqqis tal-bijodiversità żdied drammatikament fl-aħħar għaxar snin. In-nuqqas ta' azzjoni jista' jwassal għal żieda fil-kontaminazzjoni taż-żoni u telfa akbar ta' diversità bijoloġika fil-futur. Il-prevenzjoni u r-rimedju, sakemm huwa possibbli, tad-danni ambjentali jikkontribwixxi għal l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet u tal-prinċipji tal-politika ambjentali tal-Komunità kif stabbilit fit-Trattat. Kondizzjonijiet lokali għandhom jitqiesu meta tittieħed deċiżjoni dwar kif għandu jseħħ ir-rimedju tad-danni.

(2) Il-prevenzjoni u r-rimedju għad-danni ambjentali għandhu jkun implimentat bis-saħħa tal-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas', kif indikat fit-Trattat u fid-dawl tal-prinċipju ta' l-iżvillup sostenibbli. Il-prinċipju fundamentali ta' din id-Direttiva għandu għalhekk ikun li l-operatur li minħabba l-attività tiegħu jikkawża danni ambjentali jew jikkawża periklu iminenti ta' danni għandu jitqies finanzjarjament responsabbli, dan sabiex l-operatur jadotta miżuri u jiżviluppa drawwiet biex jiminimizza r-riskju ta' danni ambjentali sabiex l-esposizzjoni tiegħu għar-responsabbiltà finanżjarja tonqos.

[...]

(4) Danni ambjentali jfissru ukoll danni ikkawżati minn elementi trasportati bl-ajru meta jikkawżaw danni lil l-ilma, l-art jew speċi protetti jew ambjenti naturali.

[...]

(13) Mhux il-forom kollha ta' danni ambjentali jistgħu jkunu rimedjati permezz tal-mekkaniżmu tar-responsabbiltà. Sabiex dan ta' l-aħħar jista' jkun effettiv, hemm bżonn li jkun hemm wieħed jew iktar niġġieża identifikabbli, id-danni jriedu jkunu konkreti u kwantifikabbli, u katina ta' kawżazzjoni għandha tkun stabbilita bejn id-danni u n-niġġies(a) identifikat(i). Ir-responsabbiltà għalhekk mhiex instrument adattat fil-kuntest ta' tingiz mifruq, meta jkun impossibbli torbot l-effetti ambjentali negattivi ma' azzjoni jew nuqqas ta' ċertu atturi individwali.

[...]

- (18) Skond il-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas', l-operatur li jikkawża danni ambjentali jew joħloq periklu iminenti ta' danni għandu, fil-prinċipju, jbati l-ispejjeż tal-miżuri ta' prevenzjoni jew ta' rimedju neċessarji. Fil-każijiet fejn l-awtorità kompetenti taġixxi, hi innifisha jew permezz ta' terza persuna, flok l-operatur, l-awtorità għandha tassigura li l-ispiża li tkun nefqet tirkupraha minn għand l-operatur. Huwa ukoll xieraq li l-operaturi għandhom fl-aħħarnett ibatu l-ispejjeż ta' l-istima tad-danni ambjentali u, skond il-każ, ta' l-istima tal-periklu iminenti tad-danni jekk jiġu fis-seħħ.

[...]

- (20) L-operatur ma għandhux ikun mitlub jbati l-ispejjeż ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni jew rimedju mwettqa skond din id-Direttiva f'sitwazzjonijiet fejn id-danni, jew il-periklu ta' danni msemmija huma ir-riżultat ta' affarijiet li l-operatur ma għandhux control [kontroll] fuqhom. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-operaturi li ma għandhomx tort jew li ma kienux negliġenti ma jbatux l-ispejjeż tal-miżuri ta' rimedju, f'każijiet fejn id-danni msemmija huma r-riżultat ta' emissjonijiet jew avvenimenti awtorizzati espliċitament jew fejn il-periklu ta' danni ma kienx magħruf meta seħħ l-emissjoni jew l-avveniment.

[...]

- (24) Huwa neċessarju li mezzi effettivi ta' l-implimentazzjoni u infurzar jkunu disponibbli, filwaqt li jkun assigurat li l-interessi leġittimi ta' l-operaturi rilevanti u partijiet oħra li għandhom interess ikunu adegwatament protetti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu inkarigati minn kompiti speċifiċi li jirrikjedu diskrezzjoni amministrattiva xierqa, jiġifieri l-inkarigu biex issir stima ta' l-importanza tad-danni u d-deċiżjoni liema miżuri ta' rimedju għandhom jittieħdu.

[...]”

- 5 Konformement mal-Artikolu 1 taġġha, id-Direttiva 2004/35 tistabbilixxi qafas ta' responsabbiltà ambjentali bbażat fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", għall-prevenzjoni u għar-rimedju tad-dannu ambjentali.
- 6 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

“Għal l-iskop ta' din id-Direttiva t-tifsiriet li ġejjin għandhom jgħoddu:

1. 'danni ambjentali' jfisser

- a) danni lil l-ispeċi protetti u lil l-ambjenti naturali, li huma kull dannu li għandu effett negattiv sinifikattiv fuq il-kisba u l-manteniment ta' l-istatus favorevoli ta' ħarsien ta' dawn l-ispeċi jew ambjenti. L-importanza ta' dawn l-effetti għandha tkun ikalkolata fi stima tal-kondizzjonijiet tal-bażi, u wara li jkunu ikkunsidrati il-kriterji stabbiliti fl-Anness I.

[...]

- b) Danni lil l-ilma, li huma kull dannu li jolqot b'mod negattiv u sinifikattiv l-istatus ekoloġiku, kimiku u/jew kwantitattiv u/jew il-potenzal ekoloġiku, kif mfisser fid-Direttiva 2000/60/KE, ta' l-ilma ikkonċernati, bl-eċċezzjoni ta' l-effetti negattivi meta l-Artikolu 4(7) ta' dik id-Direttiva jgħoddi;
- ċ) Danni lil l-art, li huma kull kontaminazzjoni ta' l-art li toħloq periklu sinifikattiv li is-saħħa tal-bniedem tkun milquta b'mod negattiv bħala riżultat ta' l-introduzzjoni diretta jew indiretta, fi, fuq jew taħt l-art, ta' sustanzi, preparazzjonijiet, organiżmi jew micro-organiżmi;

[...]

6. ‘operatur’: jfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, privata jew pubblika li jopera jew jikkontrolla l-attività tax-xogħol jew, meta dan ikun regolat fil-liġ[*i*] nazzjonali, il-persuna li għandha poter ekonomiku deċisiv fuq il-funzjonament tekniku ta’ l-imsemmija attività liema poter ġie lilha ddelegat, li tinkludi d-detentur ta’ permess jew awtorizzazzjoni għal l-imsemmija attività jew il-persuna li tireġistra jew tinnotifika l-imsemmija attività;
7. ‘attività tax-xogħol’: tfisser kull attività magħmula bħala parti minn attività ekonomika, kummerċ jew impriża, mingħajr ma jingħata każ jekk l-attività hijiex pubblika jew privata, tagħmel qligħ jew li ma tagħmilx qligħ;

[...]

10. ‘miżuri ta’ prevenzjoni’: jfissru kull miżura li tittieħed kontra avveniment, att jew ommissjoni li toħloq periklu iminenti ta’ danni ambjentali, bl-iskop ta’ prevenzjoni jew tnaqqies ta’ dawk id-danni;
11. ‘miżuri ta’ rimedju’: tfisser kull azzjoni, jew tagħqid ta’ azzjonijiet, li tinkludi miżuri ta’ mitigazzjoni jew temporanji bl-iskop ta’ restorazzjoni, rehabilitazzjoni jew tibdil tar-riżorsi naturali milquta u/jew is-servizzi mfixxkla, jew l-provvediment ta’ alternatiiva ekwivalenti għal dawk ir-riżorsi jew servizzi kif stabbilit fl-Anness [II];

[...]”

- 7 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat “L-Iskop”, jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Din id-Direttiva għandha tgħodd għall-:

- a) danni ambjentali ikkawżati minn attivitajiet tax-xogħol li jinstabu fil-lista ta’ l-Anness III, kif ukoll kull periklu iminenti ta’ l-imsemmija danni minħabba l-istess attivitajiet;
  - b) danni lil l-ispeċi protetti u lil l-ambjenti naturali kkawżati minn attivitajiet tax-xogħol mhux fil-lista ta’ l-Anness III, u lil kull periklu iminenti ta’ l-imsemmija danni li jseħħ minħabba l-imsemmija attivitajiet, kull meta l-operatur għandu tort jew kien negliġenti.”
- 8 Skont l-Artikolu 4(5) tal-istess direttiva, din “għandha tgħodd biss għal danni ambjentali jew periklu iminenti ta’ danni ambjentali kkawżati minn tniġġies ta’ natura mifruxa, meta l-katina tal-kawżazzjoni bejn id-danni u l-attivitajiet ta’ l-operatur individwali tista’ tiġi stabbilita”.
  - 9 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/35, intitolat “Mezz ta’ prevenzjoni”, jaqra kif ġej:

“1. Meta d-danni ambjentali għandhom ma seħħewx imam [imma] hemm periklu iminenti ta’ l-imsemmija danni jseħħu, l-operatur għandu, mingħajr dewmien, jieħu l-miżuri ta’ prevenzjoni neċessarji.

[...]

3. L-awtorità kompetenti tista’, f’kull ħin:

[...]

- b) titlob lil l-operatur jieħu il-miżuri ta’ prevenzjoni neċessarji;

[...]

d) hi innifisha tieġu il-miżuri ta' prevenzjoni neċessarji.

4. L-awtorità kompetenti għandha titlob li l-miżuri ta' prevenzjoni jittieġdu mil l-operatur. Jekk l-operatur jonqos li jġares l-obligi stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 3(b) jew (c), ma jistax ikun identifikat jew mhux obligat skond din id-Direttiva li jbati l-ispejjeż, l-awtorità kompetenti tista' tieġu l-miżuri hi stess.”

10 L-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, intitolat “Azzjoni ta' Rimedju”, jipprevedi:

“1. Meta d-danni ambjentali fil-fatt seħħew l-operatur għandu, mingħajr dewmien, jinforma l-awtorità kompetenti dwar kull aspett relevanti tas-sitwazzjoni u jieġu:

a) kull pass prattikabbli biex jikkontrolla malajr, jillimta, jneħħi jew f'kull mod ieħor jikkontrolla l-kontaminanti relevanti u/jew kull fattur ta' dannu ieħor sabiex id-danni ambjentali jkunu limitati jew aktar danni u l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew aktar tfixkil tas-servizzi jiġu evitati; u

b) il-miżuri ta' rimedju neċessarji [...]

2. L-awtorità kompetenti tista', f'kull ħin:

a) titlob lil l-operatur biex jipprovdi informazzjoni supplimentari dwar kull danni li seħħew;

b) tieġu, titlob lil l-operatur jieġu jew tagħti istruzzjonijiet lil l-operatur dwar, kull pass prattikabbli biex jikkontrolla malajr, jillimta, jneħħi jew f'kull mod ieħor jikkontrolla l-kontaminanti relevanti u/jew kull fattur ta' dannu ieħor sabiex id-danni ambjentali jkunu limitati jew aktar danni u l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew aktar tfixkil tas-servizzi jiġu evitati;

c) titlob lil l-operatur jieġu l-miżuri ta' rimedju neċessarji;

[...]

e) hi innifisha tieġu il-miżuri ta' rimedju neċessarji.

3. L-awtorità kompetenti għandha titlob li l-miżuri ta' rimedju jittieġdu mil l-operatur. Jekk l-operatur jonqos li jġares l-obligi stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 2(b), (c) [...] ma jistax jiġi identifikat jew mhux meħtieġ jbati l-ispejjeż skond din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti tista' tieġu l-miżuri hi stess, meta jkun falla kull tentattiv ieħor.”

11 L-Artikolu 8(1) u (3) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

“1. L-operatur għandu jbati l-ispejjeż għal l-azzjoni ta' prevenzjoni u rimedju li ittieġdu skond din id-Direttiva.

[...]

3. L-operatur m'għandux ikun mitlub jbati l-ispejjeż tal-miżuri ta' prevenzjoni jew rimedju mwettqa skond din id-Direttiva meta jista' juri li d-danni ambjentali jew il-periklu iminenti ta' danni ambjentali:

a) kienu kkawżati minn terza persuna u seħħew minkejja li miżuri ta' sigurità xierqa kienu f'posthom; jew

b) huma r-riżultat ta' konformità ma ordni jew istruzzjoni ta' bilfors minn awtorità pubblika ħlief ordni jew istruzzjoni li ħarġet wara emissjoni jew każ ikkawżat mil l-attivitajiet ta' l-operatur proprju.

F'dawn il-każijiet L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jgħinu lil l-operatur jirkupra l-ispejjeż li nefaq.”

12 L-Artikolu 11(2) u (3) tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

“2. L-obbligu li jkun stabbilit liema operatur ikkawża d-danni jew periklu iminenti ta' danni, li ssir stima tas-sinjifikanza tad-danni u li jkun stabbilit liema miżuri ta' rimedju għandhom jittieħdu b'referenza għal l-Anness II huwa ta' l-awtorità kompetenti. [...]

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtorità kompetenti tista' tagħti l-poter jew titlob lill-parti terzi jwettqu l-miżuri neċessarji ta' prevenzjoni u rimedju.”

13 L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/35, intitolat “Ir-relazzjoni mal-liġ[i] nazzjonali”, jippreċiża fil-paragrafu 1 tiegħu li din id-direttiva “m'għandhiex iżżomm lil L-Istati Membri milli jżżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju tad-danni ambjentali, li jinkludi l-identifikazzjoni ta' attivitajiet oħra li jistgħu jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' prevenzjoni u rimedju ta' din id-Direttiva u l-identifikazzjoni ta' partijiet responsabbli oħra”.

14 L-Anness III tal-imsemmija direttiva jelenka tnax-il attivitajiet meqjusa mil-leġiżlatur tal-Unjoni bħala perikolużi fis-sens tal-Artikolu 3(1) tagħha. Dawn l-attivitajiet ikopru b'mod partikolari operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-iskart suġġetti għal permess jew għal reġistrazzjoni skont l-atti tal-Unjoni fil-qasam.

### ***Id-dritt Ungeriż***

#### ***Il-liġi dwar il-protezzjoni tal-ambjent***

15 Id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi ġew adottati sabiex jittrasponu d-Direttiva 2004/35 fl-ordinament ġuridiku Ungeriż.

16 L-Artikolu 4 tal-környezet védelmének általános szabályairól szóló 1995. évi LIII. törvény (Liġi nru LIII tal-1995 dwar regoli ġenerali fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, iktar 'il quddiem il-“liġi dwar il-protezzjoni tal-ambjent”), jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

“1. ‘kompartiment ambjentali’, l-art, l-arja, l-ilma, il-fawna u l-flora, l-ambjent kostruwit mill-bniedem (artifċjali), kif ukoll il-komponenti tagħhom;

[...]

10. ‘tqegħid fil-perikolu tal-ambjent’: it-theddida diretta li ssir ħsara ambjentali;

[...]

12. ‘degradazzjoni tal-ambjent’: azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li jikkawżaw ħsara ambjentali;

13. ‘dannu ambjentali’: modifika sinjifikattiva u miżurabbli negattiva tal-ambjent jew ta' kompartiment ambjentali, jew deterjorament sinjifikattiv u miżurabbli ta' servizz marbut ma' kompartiment ambjentali, li jista' jseħħ b'mod dirett jew indirett;

[...]”

17 L-Artikolu 101(1) ta' din il-liġi jipprevedi:

“L-utent tal-ambjent għandu jkollu r-responsabbiltà legali fid-dritt kriminali, fid-dritt ċivili u fid-dritt amministrattiv, skond il-modalitajiet iddefiniti minn din il-liġi u r-regolamenti l-oħra, għall-effetti eżerċitati mill-attività tiegħu fuq l-ambjent. [...]”

18 Konformement mal-Artikolu 102(1) tal-imsemmija liġi, ir-responsabbiltà għal dannu ambjentali jew għal perikolu ambjentali għandha tiġi sostnuta konġuntament u *in solidum*, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, mill-proprjetarju u mill-possessur (utent) tal-art li fuqha jkun sar id-dannu ambjentali jew li fuqha tkun twettqet l-attività ta' perikolu għall-ambjent, mill-mument li fih ikun immaterjalizza d-dannu jew il-perikolu ambjentali. Skont il-paragrafu 2 tal-istess artikolu, il-proprjetarju jinħeles mir-responsabbiltà konġunta u *in solidum* jekk jidentifika l-utent effettiv tal-art u jipproduċi prova inekwivoka li huwa ma huwiex responsabbli.

19 L-Artikolu 106 tal-istess liġi jipprovdi:

“1) Kull min jikser direttament jew indirettament dispożizzjoni intiża li tipproteġi l-ambjent stabbilita minn leġislazzjoni, deċiżjoni amministrattiva jew att legali Komunitarju direttament applikabbli, jew jeċċedi l-limiti rilevanti stabbiliti, għandu jħallas multa fil-qasam ambjentali adattata għall-gravità tal-aġir tal-ksur, u għalhekk b'mod partikolari, għall-portata, għat-tul u għan-natura ripetuta tat-tniġġis ambjentali jew tal-ħsara ambjentali li huwa responsabbli għaliha.

2) Il-multa ambjentali għandha titħallas flimkien mal-kontribuzzjoni għall-użu tar-riżorsi ambjentali u mal-ħlas dovut għall-piż fuq l-ambjent.

[...]”

### ***Id-Digriet tal-Gvern dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja***

20 Il-punt 29 tal-Artikolu 2 tal-Levegő védelméről szóló 306/2010 (XII.23.) Korm. rendelet (Digriet tal-Gvern Nru 306/2010 (XII 23) dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja) jikkwalifika bħala “rekwiżit fil-qasam tal-protezzjoni tal-kwalità tal-arja” kull dispożizzjoni jew projbizzjoni, stabbilita b'leġislazzjoni jew deċiżjoni tal-awtorità li hija intiża sabiex tipprevjeni jew tnaqqas it-tniġġis tal-arja.

21 Skont l-Artikolu 27(2) ta' dan id-digriet, l-inċinerazzjoni tal-iskart fil-beraħ jew f'impjanti li ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet legali li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-inċinerazzjoni tal-iskart, hija pprojbita; għajr l-inċinerazzjoni tal-iskart tal-karti li jirriżulta minn djar privati jew l-inċinerazzjoni ta' skart tal-injam mhux ittrattat u kklassifikat bħala mhux perikoluż f'impjanti domestiċi. Ikun hemm inċinerazzjoni tal-iskart fil-beraħ ladarba l-iskart jieħu n-nar, irrispettivament mir-raġunijiet għalfejn dan iseħħ, bl-eċċezzjoni ta' kawżi naturali.

22 Konformement mal-Artikolu 34(1) tal-imsemmi digriet, l-awtorità għall-protezzjoni tal-ambjent għandha timponi multa intiża għall-protezzjoni tal-kwalità tal-arja fuq persuna fiżika jew ġuridika jew fuq l-organizzazzjoni mingħajr personalità ġuridika, li tkun kisret id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-kwalità tal-arja, u fl-istess waqt timponilha l-obbligu li ttemm l-attività illegali jew in-nuqqas ta' azzjoni.

23 Mill-paragrafu 3 tal-istess artikolu jirriżulta li meta hija timponi multa, l-awtorità għall-protezzjoni tal-ambjent għandha tiegħu inkunsiderazzjoni, l-ewwel nett, iċ-ċirkustanzi tan-nuqqas; it-tieni nett, il-gravità tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligi u, it-tielet nett, it-tul u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi.

24 Il-punt 20 tal-Anness 9 tal-istess digriet jipprevedi r-rata tal-multi “għan-nuqqas ta’ prevenzjoni tal-awtokombustjoni jew tal-ħruq ta’ depożiti ta’ skart jew ta’ materjal, jew għan-nuqqas li jsir dak li huwa neċessarju sabiex tali ħruq jintemm (għal kwantitajiet ikbar minn 10 m<sup>3</sup>)”

### **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

25 Fit-2 ta’ Lulju 2014, l-awtorità tal-ewwel istanza kompetenti għall-protezzjoni tal-ambjent ġiet informata li kien għe inċinerat skart fuq art proprjeta ta’ TTK, li tinsab f’Túrkeve (l-Ungerija).

26 Skont ir-rapport imħejji matul l-ispezzjoni mwettqa minn din l-awtorità, 30 m<sup>3</sup> sa 40 m<sup>3</sup> ta’ skart, b’mod partikolari metalliku, għe inċinerat f’kull wieħed mit-tliet unitajiet ta’ ħażna u tliet trakkijiet, preżenti fuq is-sit, kienu lesti sabiex jittrasportaw l-iskart metalliku li kien fadal wara l-inċinerazzjoni.

27 TTK iddikjarat lill-awtorità msemmija li kienet kriet din l-art lil persuna fiżika fil-15 ta’ Marzu 2014. Madankollu, kien jidher li din tal-aħħar mietet fl-1 ta’ April 2014.

28 L-awtorità tal-ewwel istanza għall-protezzjoni tal-ambjent iddeċidiet li timponi fuq TTK, fil-kwalità tagħha ta’ proprjetarja tal-art, multa ta’ 500 000 fforint Ungeriż (HUF) (madwar EUR 1 630) minħabba n-nuqqas ta’ osservanza tad-dispozzizzjonijiet tad-Digriet tal-Gvern Nru 306/2010.

29 TTK ikkontestat din il-multa quddiem l-istess awtorità, li ċaħdet l-ilment tagħha. Din iċ-ċaħda ġiet ikkonfermata mill-ispettorat.

30 Fid-deċizzjoni amministrattiva ta’ ċaħda, l-ispettorat qies li l-inċinerazzjoni tal-iskart fil-beraħ kien ipprovoka perikolu ambjentali. Madankollu, skont il-liġi dwar il-protezzjoni tal-ambjent, il-proprjetarju u l-pussessur tal-proprjeta immobbli kkonċernata fil-mument tal-fatti għandhom jitqiesu li huma responsabbli konġuntament u *in solidum*, sakemm il-proprjetarju ma jipproduċix prova, li ma tħalli l-ebda dubju raġonevoli, li ma jistax jinżamm responsabbli. Peress li l-kerrej tal-art kien miet, l-awtorità tal-ewwel istanza għall-protezzjoni tal-ambjent għustament iddeċidiet li TTK kellha tinżamm responsabbli.

31 TTK ippreżentat rikors kontra d-deċizzjoni tal-ispettorat quddiem il-qorti tar-rinviju, is-Szolnoki Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u industrijali ta’ Szolnok, l-Ungerija).

32 Skont il-qorti tar-rinviju, il-multa fil-qasam tat-tniġġis tal-arja, minħabba l-għan sanzjonabbli tagħha, ma kinitx taqa’ taħt “miżuri ta’ rimedju” ddefiniti fl-Artikolu 2(11) tad-Direttiva 2004/35. Madankollu, din il-qorti tirrileva li l-Artikolu 16 ta’ din id-direttiva jipprevedi, konformement mal-Artikolu 193 TFUE, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw miżuri iktar stretti għall-prevenzjoni u għar-rimedju ta’ dannu ambjentali.

33 Filwaqt li tagħmel riferiment għall-punt 54 tas-sentenza tal-4 ta’ Marzu 2015, Fipa Group *et* (C-534/13, EU:C:2015:140), il-qorti tar-rinviju tfakkar li l-mekkaniżmu ta’ responsabbiltà ambjentali implementat mid-Direttiva 2004/35 jeħtieġ, sabiex jaħdem, li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi rabta kawżali bejn l-attività ta’ operatur wieħed jew iktar identifikabbli u d-dannu ambjentali konkret u kwantifikabbli għall-impożizzjoni ta’ miżuri ta’ rimedju fuq dan l-operatur jew dawn l-operaturi, irrispettivament mit-tip ta’ tniġġis ikkawżat. Madankollu, f’dan il-każ, ir-rabta kawżali stabbilita mill-awtorità bejn l-attività ta’ TTK u d-dannu ambjentali hija nieqsa. Għalhekk, skont din il-qorti ma hemm l-ebda bażi legali għall-impożizzjoni ta’ multa amministrattiva fuq il-proprjetarju tal-art.



34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Szolnoki Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u industrijali ta' Szolnok, l-Ungerija), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

“1) L-Artikolu 191 TFUE u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [2004/35] dwar ir-responsabbiltà ambjentali jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, filwaqt li tmur lil hinn mill-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, tipprevedi li awtorità amministrattiva responsabbli għall-protezzjoni tal-ambjent tista' tqiegħed fuq il-persuna li għandha d-dritt għall-proprjetà, taħt forma partikolari, ir-responsabbiltà għar-rimbors tad-danni kkawżati lill-ambjent mingħajr ma tkun meħtieġa, qabel ma tagħmel dan, li teżamina jekk teżistix rabta kawżali bejn l-aġir ta' din il-persuna (impriża kummerċjali) u l-każ ta' tniġġis?

2) Jekk għandha tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda u li, fir-rigward tat-tniġġis tal-arja, ma jidherx li kien hemm dannu lill-ambjent li għandu jiġi rrimedjat, tista' tiġi imposta multa fil-qasam tal-protezzjoni tal-kwalità tal-arja billi tiġi invokata leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li hija iktar ħarxa minn dik [fis-sens tal-]Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/35/KE u fl-Artikolu 193 TFUE, jew din il-leġiżlazzjoni li hija iktar ħarxa ma tista' bl-ebda mod tirriżulta f'sitwazzjoni fejn multa li għandha esklużivament in-natura ta' sanzjoni tiġi imposta fuq proprjetarju li ma huwiex responsabbli għat-tniġġis ikkawżat?”

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

35 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35 moqrija fid-dawl tal-Artikoli 191 u 193 TFUE, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tidentifika, minbarra l-operaturi tal-artijiet li fuqhom twettaq tniġġis illegali, kategorija oħra ta' persuni responsabbli *in solidum* għal tali dannu ambjentali, jiġifieri l-proprjetarji tal-artijiet, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir tal-imsemmija proprjetarji u t-tniġġis ikkonstatat.

### *Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 191(2) TFUE*

36 Preliminarjament, għandu jifakkar li l-Artikolu 191(2) TFUE jipprovdi li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent taspira għal livell għoli ta' protezzjoni u hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tillimita ruħha li tiddefinixxi l-għanijiet ġenerali tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent sa fejn l-Artikolu 192 TFUE jagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, meta jkunu qiegħdin jiddeċiedu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, is-setgħa li jiddeċiedu liema azzjoni għandha tittieħed sabiex jitwettqu dawn l-għanijiet (sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, Fipa Group *et*, C-534/13, EU:C:2015:140, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Konsegwentement, peress li l-Artikolu 191(2) TFUE, li jinkludi l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, japplika għall-azzjoni tal-Unjoni, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi invokata bħala tali minn individwi bl-iskop li tiġi eskluża l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal ma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fil-qasam tal-politika ambjentali, meta ma tkun applikabbli ebda leġiżlazzjoni tal-Unjoni adottata abbażi tal-Artikolu 192 TFUE li tkopri speċifikament is-sitwazzjoni kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 2010, ERG *et*, C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punt 39, kif ukoll tal-4 ta' Marzu 2015, Fipa Group *et*, C-534/13, EU:C:2015:140, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Minn dan isegwi li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas stabbilit fl-Artikolu 191(2) TFUE ma jistax jiġi invokat minn TTK ħlief sa fejn is-sitwazzjoni kkonċernata fil-kawża prinċipali hija speċifikament koperta minn leġislazzjoni tal-Unjoni adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 192 TFUE.

### ***Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2004/35***

39 Bla ħsara għall-kwistjoni, mhux imqajma minn dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, dwar jekk leġislazzjoni tal-Unjoni minbarra d-Direttiva 2004/35 bħal ma hija d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar l-iskart u li tħassar ċerti direttivi (ĠU 2008, L 312, p. 3) tkoprix sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, hemm lok, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li jirriżulta mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-kawża prinċipali tikkonċerna tniġġis tal-ajru, li tiġi indirizzata l-applikabbiltà tad-Direttiva 2004/35.

40 Il-punt 1 tal-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi “dann[u] ambjentali” bħala dannu kkawżat lill-ispeċi u lill-habitats naturali protetti jew dannu li jaffettwa l-ilmijiet jew l-art.

41 Minn dan jirriżulta li t-tniġġis tal-arja ma jikkostitwixxix dannu ambjentali kopert bid-Direttiva 2004/35.

42 Madankollu, il-premessa 4 ta' din id-direttiva tispeċifika li d-dannu ambjentali jinkludi wkoll dannu kkawżat minn elementi preżenti fl-arja, sa fejn jistgħu jikkawżaw dannu lill-ilma, lill-art jew lill-ispeċi u habitats naturali protetti.

43 Skont l-Artikolu 267 TFUE, li huwa bbażat fuq separazzjoni netta tal-funzjonijiet bejn il-qradi nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar biss għandha l-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni jew il-validità ta' test tad-dritt tal-Unjoni, billi tibbaża ruħha fuq il-fatti li jkunu indikati lilha mill-qorti nazzjonali. Isegwi li, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita mill-imsemmi artikolu, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, iżda l-qorti nazzjonali li għandha tapplika r-regoli tad-dritt tal-Unjoni għal miżuri jew għal sitwazzjoni nazzjonali, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, *ERG et*, C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Għalhekk hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, abbażi tal-fatti li hija biss tista' tevalwa, jekk, fil-kawża prinċipali, it-tniġġis tal-arja setax jikkawża tali dannu jew it-theddid imminenti ta' tali dannu, b'tali mod li hemm lok li jiġu adottati miżuri preventivi jew remedjali, fis-sens tad-Direttiva 2004/35.

45 Li kieku din il-qorti kellha tasal għal konklużjoni li dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża, hija jkollha tqis li t-tniġġis inkwistjoni f'dan il-każ ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/35, u din is-sitwazzjoni, għalhekk, taqa' taħt id-dritt nazzjonali, b'osservanza tar-regoli tat-Trattati UE u FUE u bla ħsara għal atti legali sekondarji oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, *Fipa Group et*, C-534/13, EU:C:2015:140, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Min-naħa l-oħra, li kieku l-qorti tar-rinviju tiddeċiedi li t-tniġġis tal-arja fil-kawża prinċipali wkoll ikkawża d-dannu jew it-theddida imminenti ta' tali dannu tal-ilmijiet, tal-art jew tal-ispeċi u tal-habitats naturali protetti, tali tniġġis tal-arja ikun jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/35.

### ***Fuq il-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà ambjentali***

47 Għandu jifakkar li, skont l-ewwel Artikolu tagħha, id-Direttiva 2004/35 għandha bħala għan li tistabbilixxi qafas ta' responsabbiltà ambjentali bbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, għall-prevenzjoni u għar-rimedju tad-dannu ambjentali. Fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà ambjentali previst minn din id-direttiva, ibbażat fuq livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u fuq

il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, l-operaturi huma suġġetti għal obbligi kemm ta' prevenzjoni kif ukoll ta' rimedju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, *ERG et*, C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punti 75 u 76).

- 48 Hekk kif jirriżulta mill-Artikoli 4(5) u 11(2) tad-Direttiva 2004/35, moqrija flimkien mal-premessa 13 tagħha, il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà ambjentali previst minn din id-direttiva jeħtieġ li rabta kawżali tkun stabbilita mill-awtorità kompetenti bejn l-attività ta' operatur wieħed jew iktar identifikabbli u d-dannu ambjentali jew it-theddida imminenti ta' tali dannu (sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, *Fipa Group et*, C-534/13, EU:C:2015:140, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 49 Fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1)(a) tal-imsemmija direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-obbligu, għall-awtorità kompetenti, li tistabbilixxi rabta kawżali japplika fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà ambjentali kawżali tal-operaturi (sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, *Fipa Group et*, C-534/13, EU:C:2015:140, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 50 Hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2004/35, l-imsemmi obbligu japplika wkoll fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà kolpevoli li tirriżulta mill-*culpa* jew min-negliġenza tal-operatur, prevista fl-Artikolu 3(1)(b) ta' din id-direttiva, għal attivitajiet professjonali oħra għajr dawk imsemmija fl-Anness III tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, *Fipa Group et*, C-534/13, EU:C:2015:140, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 51 L-importanza partikolari tal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-attività tal-operatur u d-dannu ambjentali għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u, għalhekk, għall-mekkaniżmu ta' responsabbiltà stabbilit bid-Direttiva 2004/35, tirriżulta wkoll mid-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar dwar il-konsegwenzi li għandhom jirriżultaw mill-assenza tal-kontribuzzjoni tal-operatur għat-tniġġis jew għar-riskju ta' tniġġis (sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, *Fipa Group et*, C-534/13, EU:C:2015:140, punt 57).
- 52 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, konformement mal-Artikolu 8(3)(a) tad-Direttiva 2004/35, moqri flimkien mal-premessa 20 tagħha, l-operatur ma huwiex obligat isostni l-ispejjeż meta jkun jista' jipproduċi prova li d-dannu kkważat lill-ambjent jirriżulta minn terz u li seħħ minkejja miżuri ta' sigurtà xierqa, jew irriżultaw minn ordni jew struzzjoni ta' awtorità pubblika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, *Fipa Group et*, C-534/13, EU:C:2015:140, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 53 Minn dawn l-elementi kollha jirriżulta li l-mekkaniżmu ta' responsabbiltà stabbilit bid-Direttiva 2004/35 huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' min iniġġes iħallas. Għal dan il-għan, din id-direttiva tissuġġetta lill-operaturi għal obbligi kemm ta' prevenzjoni kif ukoll ta' rimedju (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, *ERG et*, C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punt 75).
- 54 F'dan il-każ, huwa paċifiku li TTK inżammet responsabbli fil-kwalità tagħha mhux bħala operatur, iżda bħala proprjetarja tal-proprjetà immobbli fejn seħħ it-tniġġis. Jidher ukoll, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, li l-awtorità kompetenti imponiet multa fuq TTK u ma ordnatx lil din tal-aħħar tieħu wkoll miżuri ta' prevenzjoni jew ta' rimedju.
- 55 Għalhekk, jirriżulta mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja li d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Ungeriża applikati għal TTK ma jagħmlux parti minn dawk li jimplementaw l-mekkaniżmu ta' responsabbiltà stabbilita bid-Direttiva 2004/35.

- 56 Madankollu, għandu jifakkar li l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/35 jipprevedi l-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jżommu jew li jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti dwar il-prevenzjoni u r-rimedju tad-dannu ambjentali, b'mod partikolari, l-identifikazzjoni ta' attivitajiet oħra li jistgħu jkunu suġġetti għar-reqwiziti ta' din id-direttiva fil-qasam ta' prevenzjoni u ta' rimedju, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' partijiet responsabbli oħra.
- 57 L-Artikolu 102(1) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-ambjent, jipprevedi li r-responsabbiltà għandha tiġi sostnuta konġuntament u *in solidum*, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, kemm mill-proprjetarju kif ukoll mill-operatur tal-proprjetà immobbli "li fuqha jkun sar id-dannu ambjentali jew li fuqha tkun twettqet l-attività ta' perikolu għall-ambjent", u l-proprjetarju ma jinħelix minn din ir-responsabbiltà sakemm ma jkunx identifika l-utent effettiv tal-proprjetà immobbli u jkun werja, bl-esklużjoni ta' kull dubju raġonevoli, li ma kienx huwa stess li kkawża d-dannu, u dan huwa ta' natura li jsaħħaħ l-mekkaniżmu ta' responsabbiltà prevista bid-Direttiva 2004/35.
- 58 Sa fejn, bla ħsara għar-responsabbiltà tal-prinċipju tal-operatur, tali leġislazzjoni nazzjonali tfitteż li tipprevjeni nuqqas ta' diliġenza min-naħa tal-proprjetarju, kif ukoll li tħajjar lil dan tal-aħħar jadotta miżuri u jiżviluppa Prattiki tiegħu stess sabiex inaqqas ir-riskji tal-ħsara lill-ambjent, hija tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tad-danni ambjentali u, konsegwentement, għat-twettiq tal-għanijiet tad-Direttiva 2004/35.
- 59 Fil-fatt, din il-leġislazzjoni nazzjonali timplika li l-proprjetarji ta' beni immobbli fl-Istat Membru kkonċernat huma mistennija, taħt piena li huma stess jinżammu responsabbli konġuntament u *in solidum*, jissorveljaw l-aġir tal-operaturi tal-proprjetajiet tagħhom u jirrapportaw dawn l-operaturi lill-awtorità kompetenti fil-każ ta' dannu ambjentali jew theddida ta' tali dannu.
- 60 Peress li tali leġislazzjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu previst bid-Direttiva 2004/35 permezz tal-identifikazzjoni ta' kategorija ta' persuni li jistgħu jinżammu responsabbli *in solidum* flimkien mal-operaturi, hija taqa' taħt l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/35 li, moqri flimkien mal-Artikolu 193 TFUE, jawtorizza miżuri ta' protezzjoni msaħħa, sakemm ikunu kompatibbli mat-trattati u notifikati lill-Kummissjoni.
- 61 Fir-rigward tar-reqwizit ta' kompatibbiltà mat-trattati, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li huwa l-kompitu ta' kull Stat Membru li jiddetermina minn dawn il-miżuri ta' protezzjoni msaħħa, liema miżuri, minn naħa, għandhom ikunu intiżi għat-twettiq tal-għan tad-Direttiva 2004/35, kif iddefinit fl-Artikolu 1 tagħha, jiġifieri l-prevenzjoni u r-rimedju tad-dannu ambjentali, u, min-naħa l-oħra, josservaw id-dritt tal-Unjoni u l-prinċipji ġenerali ta' dan id-dritt, li fosthom hemm il-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, *ERG et*, C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punt 79).
- 62 Fl-aħħar nett, għandu jifakkar li, fil-każ tan-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 193 TFUE, dan in-nuqqas ma jwassalx, fih innifsu, għall-illegalità tal-miżuri ta' protezzjoni msaħħa (sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, *Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura*, C-2/10, EU:C:2011:502, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35 moqrija fid-dawl tal-Artikoli 191 u 193 TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sakemm is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/35, aspett li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, huma ma jipprekludux leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tidentifika, minbarra l-operaturi tal-artijiet li fuqhom twettaq tniġġis illegali, kategorija oħra ta' persuni responsabbli *in solidum* ta' tali dannu ambjentali jiġifieri l-proprjetarji tal-artijiet, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir tal-proprjetarji u t-tniġġis ikkonstatat, bil-kundizzjoni li din il-leġislazzjoni tkun konformi mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ma' kull dispożizzjoni rilevanti tat-Trattati tal-UE u tal-FUE u ta' atti sekondarji tal-Unjoni.

### *Fuq it-tieni domanda*

- 64 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/35 u l-Artikolu 193 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-proprjetarji tal-artijiet li fuqhom twettaq tniġġis illegali mhux biss jinżammu responsabbli *in solidum*, flimkien mal-operaturi tal-artijiet, ta' tali dannu ambjentali, iżda jistgħu wkoll jiġu imposti multa mill-awtorità amministrattiva kompetenti.
- 65 F'dan ir-rigward, għandu jinfakkar li, meta Stat Membru jidentifika, konformement mal-Artikolu 16 tal-imsemmija direttiva u l-Artikolu 193 TFUE kif ukoll b'osservanza ta' kull dispożizzjoni oħra rilevanti u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, l-imsemmija proprjetarji tal-artijiet bħala responsabbli *in solidum*, huwa jista' jimponi sanzjonijiet li jikkontribwixxu għall-effettività ta' dan il-mekkaniżmu ta' protezzjoni msaħħa.
- 66 Multa amministrattiva imposta fuq proprjetarju ta' art minħabba tniġġis illegali li huwa ma ppreveniex u li fir-rigward tiegħu huwa ma identifikax il-parti responsabbli, tista' għalhekk tagħmel parti minn mekkaniżmu ta' responsabbiltà kopert mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/35 u mill-Artikolu 193 TFUE, sakemm il-leġiżlazzjoni li tipprevedi tali multa tista', konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, tikkontribwixxi għall-kisba tal-għan tal-protezzjoni msaħħa segwit mill-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi r-responsabbiltà *in solidum* u li l-modalitajiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan (ara, bħala analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Nutrivet, C-69/15, EU:C:2016:425, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 67 F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari l-Artikolu 34(1) tad-Digriet tal-Gvern Nru 306/2010, tissodisfax dawn il-kundizzjonijiet.
- 68 Għaldaqstant, hemm lok r-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda tkun li, l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/35 u l-Artikolu 193 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sakemm is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/35, huma ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-proprjetarji tal-artijiet li fuqhom twettaq tniġġis illegali mhux biss jinżammu responsabbli *in solidum* flimkien mal-operaturi, għal dannu ambjentali iżda wkoll jistgħu wkoll jiġu imposti multa mill-awtorità nazzjonali kompetenti, bil-kundizzjoni li tali leġiżlazzjoni tkun xierqa sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għan tal-protezzjoni msaħħa u li l-modalitajiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan, aspett li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

### **Fuq l-ispejjeż**

- 69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali moqrija fid-dawl tal-Artikoli 191 u 193 TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sakemm is-sitwazzjoni**

inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/35, aspekk li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, huma ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, tidentifika, minbarra l-operaturi tal-artijiet li fuqhom twettaq tniġġis illegali, kategorija oħra ta' persuni responsabbli *in solidum* ta' tali dannu ambjentali, jiġifieri l-proprjetarji tal-artijiet, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir tal-proprjetarji u t-tniġġis ikkonstatat, bil-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni tkun konformi mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ma' kull dispożizzjoni rilevanti tat-Trattati tal-UE u tal-FUE u ta' atti sekondarji tal-Unjoni.

- 2) L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/35 u l-Artikolu 193 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sakemm is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/35, huma ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprova li l-proprjetarji tal-artijiet li fuqhom twettaq tniġġis illegali mhux biss jinżammu responsabbli *in solidum* flimkien mal-operaturi ta' dawn l-artijiet, għal tali dannu ambjentali, iżda jistgħu wkoll jiġu imposti multa mill-awtorità nazzjonali kompetenti, bil-kundizzjoni li tali leġiżlazzjoni tkun xierqa sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għan tal-protezzjoni msaħħa u li l-modalitajiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa ma jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan, aspekk li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Firem